KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn u Għoxrin (22)***

***It-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

22.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

22.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 li nżammet nhar it-Tlieta , 14 ta' Lulju, 2020.

22.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

22.2.3 **Mozzjoni 22-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 21.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 21 gew approvati unanimament.

**22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 22 (08) – Awwissu 2020***

22.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22(08) biċ-ċekkijiet numru 7094 sa 7121 li tammonta €33,829.97

22.3.2 **Mozzjoni 22-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22(08) bl-ammont ta' €33,829.97

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 22(08) giet approvata unanimament.

**22.4 Korrispondenza**

22.4.1 Tressqet korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar fejn infurmawna li sa 30 t'Ottubru 2020 se jkunu qed jintlaqgħu proposti sabiex tingħata għajnuna ta' €2000 sabiex isiru CCTV cameras. Il-Kunsill qabel li ma jagħmilx iktar cameras għalissa iżda japplika għall-CCTVs li diġa saru fil-lokalita'.

22.4.2 Tressqet stima mingħand il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart dwar servizz sabiex jinġabar l-iskart tal-Gondolier fi Triq Ħal Tarxien. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan minħabba li l-ġbir ta' skart huwa residenzjali u għaldaqstant ikun qed jinħoloq preċedent.

22.4.3 Tressqet stima mingħand *surveyer* sabiex isir *survey* fi Triq l-Andar. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-Perit biex jekk għandu xi *surveyer* hu, jkellem lilu.

22.4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jkun qed jinħareġ it-tender tal-*irrigation* wara li irċevejna l-*ispecifications* u l-BOQ mingħand l-inġinier. Sabiex isiru x-xogħlijiet, il-Kunsill irid joħroġ l-ammont ta' €9,000 u €10,000. Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment jekk jistax isir ġnien wieħed u jsir Gnien 2000 biss.

22.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li se toħrog it-tender tal-Contracts Manager. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jinġiebu xi rati minn Kunsill oħrajn sabiex inkunu f'pożizzjoni li niddeċiedu kif l-aħjar jinħareġ it-tender.

**22.5 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

22.5.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-proġett tal-*campsite*, fejn qal li r-Reġjun Konsultattiv se jkun qiegħed jagħmel laqgha sabiex jigi diskuss x'pagamenti jistghu jinhargu min-naha taghhom.

22.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir *road hump* fi Triq il-Fejgel. Il-Kunsill ma qabilx.

22.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitressaq l-i*stage* ta' fejn il-monument tal-annimali. Il-Kunsill ma jaqbilx minhabba li logistikament m'hemmx fejn jersaq ghax tal-linja ma tistax tieqaf fil-kantuniera.

22.5.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir tabella li tindika li z-zona hija privata fil-ground tal-kappillan. Il-Kunsill qabel li jaghmel wahda.

22.5.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fiz-zona ta' Triq l-Andar jitwahhlu tabelli sabiex klieb ma jithallewx minghajr cinga u ma jhammgux. Il-Kunsill qabel li jordna.

22.5.6 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Kunsill ircieva il-permess sabiex jitrangaw is-sinjali fi Triq it-Terha. Huwa nforma li dawn se jkunu qed isiru fil-jiem li gejjin.

22.5.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-ftuh ufficjali tal-bandli isir fid-29 ta' Settembru fis-7.30pm. Il-Kunsill qabel.

22.5.8 Is-Sindku Darren Abela qal li l-kuntrattur tat-tender tal-patching mhux qed jirrispondi biex jaghmel ix-xoghol. Ghaldaqstant huwa ppropona li tintbaghat ittra registrata bhala avviz finali u jekk mhux interessat li jkompli, il-kuntratt jigi tterminat. Sadanittant minhabba d-diffikultajiet li dejjem sibna fejn ma jkun hemm hadd li jitfa l-

offerta tieghu, is-Sindku Darren Abela ppropona li ma jinharigx tender iehor u jekk ikun hemm bzonn xi xoghol zghir, jingiebu kwotazzjonijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel.

22.5.9 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Klabb tal-Bocci qed jitolbu sabiex jigi rrangat hajt fil-picc tal-bocci. Huwa qal li se jkellem lil Perit sabiex tigi prezentata pjanta ta dak li qeghdin jitlobu li jsir.

22.5.10 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Triq Santa Marija jitwahhlu tabelli li ma tistax issuq b'iktar minn 20km/hr. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

22.5.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir bozza fi Triq l-Andar fil-genb tal-*ground*. Il-Kunsill qabel li tingieb kwotazzjoni u jekk hemm arblu ezistenti, ghandha titwahhal mieghu.

22.5.12 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun hemm seminars ewropej ghas-Sindki u hu jixtieq jattendi. Il-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni li napplikaw.

22.5.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-bandli l-gdid jerga jinzebah qabel isir il-ftuh ufficcjali. Il-Kunsill qabel li jqabbad il-haddiema taghna.

22.5.14 Is-Sindku Darren Abela ressaq rapport dwar hsara f'bozza faccata tat-Turetta kif ukoll ressaq talba ghall-bozza gdida fi Triq Carmelo Rosario Dimech. Il-Kunsill qabel li tingieb stima.

**22.6 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

22.6.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li fis-*service road* k/m vicin Triq Manwel Dimech thalla xi gebel u hmieg mill-kuntrattur li hadem fil-Bypass. Is-Sindku Darren Abela qal li kellem lill-perit tal-IM sabiex ikellem lill-kuntrattur.

22.6.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-Kuntrattur tal-gbir ta' skart qed iwaqqa' xi skart fit-triq u ma jigborhomx ghaldaqstant ipproponiet li tingibed l-attenzjoni.

22.6.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li l-hanut tal-pastizzi fil-Bypass ghadu ma nehhiex l-iskip. Il-Kunsill qabel li terga tintbaghatlu ittra sabiex inehhi l-iskip li hemm barra u ma jibqax jarmi affarijiet ohra.

22.6.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bzonn jitnehha l-ewwel parking fi Triq il-Miksur u jitwal id-*double yellow line* sabiex is-sewwieqa ikollhom vizjoni ahjar. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

22.6.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm xi skemi ghall-*vertical wall garden* bil-hsieb li jsir xi haga simili wara l-ground. Il-Vici Sindku qalet li se ggib iktar informazzjoni dwar dan.

22.6.6 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn tinzebah is-*centre strip* li hemm fi Triq il-Hareb minhabba li xi sewwieqa qed jilmentaw li ma tidhirx. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

22.6.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa jekk kienx hemm xi komunikat dwar il-kwistjoni tas-*central strip* fil- *Bypass*. Is-Sindku Darren Abela qal li Infrastructure Malta tal-ideja li tibqa kif inhi.

22.6.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li dwar it-talba mill-Agones Sfc sabiex juzaw kamra, informa li in-Nursery mhumiex f'pozizzjoni li jilqghu din it-talba.

*Is-Sindku Darren Abela talab li jkun skuzat (7.53pm)*

22.6.9 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jgib xi stimi sabiex isir il-hadid tal-*Christmas Tree* sabiex jitressqu fil-laqghat li jmiss. Il-Kunsill qabel li *Christmas tree* ghandha titpogga fil-Pjazza.

22.6.10 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar jekk hux qed jinhargu citazzjonijiet fi Triq San Gorg. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li irceviet id-dettalji ta' citazzjoni wahda.

22.6.11 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal hemm bzonn isir *traffic management plan* f'hafna mit-toroq fil-lokalita'. Il-Kunsill talab li din il-materja titpogga fuq l-Agenda tal-laqgha li jmiss.

22.6.12 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Santu Rokku. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li gie ppublikat it-tender.

22.6.13 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li titwahhal mera fl-ewwel liwja fi Triq Has-Saptan. Il-Kunsill approva.

## 22.7 <u>Mozzjonijiet</u>

22.7.1 Annessi mal-Minuti

**22.8 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

22.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghat-Tlieta 15 ta' Settembru 2020 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni Ref:** 22-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 21

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Awwissu 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 22**

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 22

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 11 ta’ Awwissu 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**